Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2026**
**(OR. en)**

**8501/26**

**CDR 81**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar seba' membri u tmien membri supplenti, proposti mir-Renju tad-Danimarka, fil-Kumitat tar-Reġjuni<br>- Adozzjoni |

1. Permezz ta' ittra datata t-8 ta' Jannar 2026[1], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu s-Sur Erik FLYVHOLM u s-Sur Karsten Uno PETERSEN, membri fil-Kumitat tar-Reġjuni, ġew proposti għall-ħatra u nħatru. Permezz ta' ittri tal-20 ta' April 2026[2], tat-8 ta' Mejju 2026[3] u tat-12 ta' Ġunju 2026[4], is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Bent GRAVERSEN, is-Sur Kasper Egede GLYNGØ, is-Sa Kirsten Maria Meyer JENSEN, is-Sur Karsten Søndergaard NIELSEN, u s-Sa Hanne ROED, membri tal-Kumitat tar-Reġjuni.

[1] 5254/26.
[2] 7593/26.
[3] 8700/26.
[4] 10072/26.

2. Permezz ta' ittra tat-8 ta' Jannar 20261, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bit-tmiem tal-mandati nazzjonali li abbażi tagħhom ġew proposti għall-ħatra u nħatru s-Sur Jens Christian GJESING, is-Sur Henrik Gottlieb HANSEN, is-Sur Tage LEEGAARD, u s-Sur Mads SØRENSEN, membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni. Permezz ta' ittra tal-20 ta' April 20262 u tat-8 ta' Mejju 20263, is-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat tar-Reġjuni għarraf lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sa Anne MADSEN u s-Sur Thomas ROHDEN, membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

3. Skont l-Artikolu 305 TFUE, il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposti mill-Istati Membri rispettivi, jaħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

4. F'konformità ma' dik id-dispożizzjoni u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Erik FLYVHOLM, is-Sur Bent GRAVERSEN, is-Sur Kasper Egede GLYNGØ, is-Sa Kirsten Maria Meyer JENSEN, is-Sur Karsten Søndergaard NIELSEN, is-Sur Karsten Uno PETERSEN, u s-Sa Hanne ROED, il-Gvern Daniż ippropona[5] lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali: is-Sa Kirsten Morild Vincent ANDERSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Nordjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana tad-Danimarka), is-Sa Helle GADE, *Borgmester, Silkeborg Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Silkeborg), is-Sa Sofie Wagner Lærkesen HOLM, *Regionsrådsmedlem, Region Østdanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Lvant tad-Danimarka), is-Sa Pernelle JENSEN, *Regionsrådsmedlem, Region Syddanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar tad-Danimarka), is-Sa Line Krogh LAY, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Stevns Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Stevns), is-Sur Søren SMALBRO, *Borgmester, Hjørring Kommune* (Sindku, Muniċipalità ta' Hjørring), u s-Sur Piet Papageorge TIMMERMANN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Glostrup Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Glostrup), bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030. Wara l-ħatra tas-Sa Line Krogh LAY u s-Sur Piet Papageorge TIMMERMANN bħala membri, ser isiru vakanti żewġ siġġijiet addizzjonali ta' membri supplenti.

---

[5] 8746/26.

5. Bl-għan li jimtlew il-karigi li tħallew vakanti mis-Sa Line Krogh LAY u s-Sur Piet Papageorge TIMMERMANN, il-Gvern Daniż ippropona5 lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità lokali: is-Sur Bent HANSEN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Gribskov Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Gribskov), u s-Sa Pernille Skaaning SYLVEST, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Køge Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Køge), bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

6. Barra minn hekk u għall-fini tas-sostituzzjoni tas-Sur Jens Christian GJESING, is-Sur Henrik Gottlieb HANSEN, is-Sur Tage LEEGAARD, is-Sa Anne MADSEN, is-Sur Thomas ROHDEN, u s-Sur Mads SØRENSEN, il-Gvern Daniż ippropona5 lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali: is-Sur Torben Ringe CHRISTENSEN, *Regionsrådsmedlem, Regionsrådet, Region Nordjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tat-Tramuntana tad-Danimarka), is-Sa Purnima ERICHSEN, *Regionsrådsmedlem, Region Midtjylland* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tad-Danimarka Ċentrali), is-Sur Syed Irfan Munawar GILANI, *Regionsrådsmedlem, Region Østdanmark* (Kunsillier Reġjonali, Kunsill Reġjonali tal-Lvant tad-Danimarka), is-Sur Salah Nuuradiin HUSSEIN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Aalborg Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Aalborg), is-Sa Kirsten Maria Meyer JENSEN, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Hillerød Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Hillerød), us-Sur Michael NEDERSØE, *Kommunalbestyrelsesmedlem, Horsens Kommune* (Membru tal-Kunsill, Muniċipalità ta' Horsens), bħala membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2030.

7. Il-<u>Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti</u> huwa għalhekk mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni, kif jinsab fid-dokument 8500/26, u jissuġġerixxi li l-<u>Kunsill</u> jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

---